**UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX**
**Stqarrija għall-Istampa [ST/14/2025]**
1 ta' Settembru 2025

# NOMINI ĠODDA FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

Bl-għan li l-Poplu ta' Alla miġbur fid-Djoċesi ta' Għawdex jiġi megħjun bl-aħjar mod fil-mixja Nisranija tiegħu, skont il-bżonnijiet u l-esiġenzi attwali, qed jiġu mħabbra dawn in-nomini ġodda marbuta ma' diversi ministeri u servizzi fil-ħajja tal-Knisja f'Għawdex.

Ħidmiet ġodda fuq livell djoċesan:

- **Mons. Giovanni Curmi** (mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar) – *Vigarju Ġenerali* għad-Djoċesi ta' Għawdex;
- **Mons. Tarcisio Camilleri** (mill-Parroċċa ta' Santa Margerita, Ta' Sannat) – *Vigarju Episkopali għall-Kleru*;
- **Mons. Joseph Sultana** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Segretarju Pastorali* għad-Djoċesi ta' Għawdex u *Direttur* tal-Istitut għall-Ministeru Pastorali (IPM);
- **Mons. Frankie Bajada** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Delegat tal-Isqof għall-Evanġelizzazzjoni*;
- **Mons. John Muscat** (mill-Parroċċa ta' Santa Margerita, Ta' Sannat) – *Delegat tal-Isqof* għall-Ekumeniżmu u *Kordinatur* tal-Gruppi Etniċi fid-Djoċesi;
- **Mons. John Sultana** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Delegat tal-Isqof* għall-Pastorali tat-Turiżmu Reliġjuż intern u estern u *Kollaboratur* fil-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa fis-Sema, iż-Żebbuġ;
- ir-**Rev. Massimo Buttigieg** (mill-Parroċċa tal-Katidral ta' Marija Assunta, il-Belt Victoria) – *Difensur tal-Vinkolu* fit-Tribunal Ekkleżjastiku tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Erba' komunitajiet parrokkjali ser ikollhom Ragħaj ġdid mill-bidu tas-Sena Pastorali 2025-2026:

- **Mons. Noel Saliba** (mill-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa fis-Sema, iż-Żebbuġ) – *Arċipriet* tal-Parroċċa tal-Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria;
- il-**Kan. Daniel J. Sultana** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Arċipriet* tal-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra;
- ir-**Rev. Michael Said** (mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur) – *Arċipriet* tal-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa fis-Sema, iż-Żebbuġ;
- ir-**Rev. Joseph Hili** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Arċipriet* tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem.

Saċerdoti li ser ikunu qed jagħtu l-għajnuna tagħhom f'xi Parroċċa:

- ir-**Rev. Massimo Buttigieg** (mill-Parroċċa tal-Katidral ta' Marija Assunta, il-Belt Victoria) – *Kollaboratur Parrokkjali* fil-Parroċċa ta' San Ġużepp u l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Qala;
- ir-**Rev. Emanuel Magro** (mill-Parroċċa tal-Katidral ta' Marija Assunta, il-Belt Victoria) – *Kollaboratur Parrokkjali* fil-Parroċċa tal-Katidral ta' Marija Mtellgħa fis-Sema, il-Belt Victoria;

- ir-**Rev. Alexander Refalo** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Kollaboratur* fil-Parroċċa ta' San Lawrenz, San Lawrenz.

Saċerdoti li ser ikunu qed iwettqu l-missjoni pastorali tagħhom f'realtajiet oħra:

- **Mons. Tarcisio Camilleri** (mill-Parroċċa ta' Santa Margerita, Ta' Sannat) – *Amministratur* tal-Komunità ta' Santa Luċija;
- **Patri Arthur Cutajar** OFMCONV (mill-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali) – *Direttur Spiritwali* għall-Ordni tal-Verġni;
- ir-**Rev. Joseph Farrugia** (mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb) – *Direttur Spiritwali* fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù;
- **Mons. Ġużeppi Farrugia** (mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria) – *Rettur* tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, ix-Xlendi;
- **Mons. Carmelo Gauci** (mill-Parroċċa ta' Santa Margerita, Ta' Sannat) – *Kollaboratur* fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb;
- ir-**Rev. Samuel Grech** (mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem) – *Kollaboratur* fl-Oratorju Don Bosco, il-Belt Victoria;
- **Mons. Carmelo Refalo** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – *Rettur* tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb;
- **il-Kan. Michael Xuereb** (mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija) – *Rettur* tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Ta' Ħamet;

- ir-**Rev. Gerard Buhagiar** (mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra) – ser iwettaq sena ta' approfondiment u formazzjoni fil-qasam teoloġiku u Marjan barra mid-Djoċesi ta' Għawdex;
- ir-**Rev. Dominic M. Sultana** (mix-Xagħra) – ser ikun qed iwettaq sena oħra bħala missjunarju itineranti barra minn Malta.

Dawn il-ministeri ġodda fid-Djoċesi ta' Għawdex jidħlu fis-seħħ **nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru 2025**, Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Huwa fid-dawl tal-imħabba, murija fil-misteru tas-Salib ta' Kristu, li kull ministeru jew servizz fi ħdan il-Knisja għandu jsib iċ-ċentru u l-milja tiegħu, waqt li jingħax bħala għotja u qadi għall-oħrajn.

Il-Knisja f'Għawdex tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha – saċerdoti u lajċi – li taw is-servizz tagħhom b'dedikazzjoni u impenn fil-ħidma li kienu qed ikopru sa dawn l-aħħar ġimgħat. Fuq kollox tirringrazzja lill-Missier għall-ġid kollu li sar permezz tagħhom u li minnu seta' jgawdi l-Poplu ta' Alla fdat f'idejhom.

Il-komunitajiet kollha huma mħeġġa sabiex matul dawn il-ġimgħat isir mument ta' talb kemm fil-parroċċi u kemm fil-familji għal dawn ħutna, ħalli filwaqt li nsostnuhom u ngħinuhom bit-talb u l-għajnuna tagħna, il-Mulej Ġesù – li beda din l-opra tajba fihom – iwassalha sat-tmiem skont ix-xewqa tiegħu.